

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 70/2007

tad-29 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim tal-KEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2005 tal-21 ta' Ottubru 2005 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi t-tieni programm "Marco Polo" għall-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Komunità biex titjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tal-ġarr tal-merkanzija (Marco Polo II) <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat biex din l-estensjoni tal-kooperazzjoni tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Komunità biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tal-ġarr tal-merkanzija (il-Programm Marco Polo) <sup>(3)</sup>, bħalissa huwa inkluż taħt l-Artikolu 3 (Ambjent) tal-Protokoll 31 mal-Ftehim.
- (5) Ikun aktar korrett li wieħed jirreferi għar-Regolament (KE) Nru 1382/2003 taħt it-titolu "Trasport u mobbiltà" u għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 għandu jitqiegħed fl-Artikolu 12 tal-Protokoll 31 mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-Artikolu 12 tal-Protokoll 31 mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:
  - (i) It-test tal-paragrafu 2 għandu jiġi innumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu 4 u floku jidħol dan li ġej:

"2. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-azzjonijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 skond l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim."
  - (ii) Għandhom jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, b'effett mill-1 ta' Jannar 2004, jieħdu sehem fil-programm li ġej:

    - **32003 R 1382**: Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Komunità biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tal-ġarr tal-merkanzija (il-Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1), kif emendat bi:
    - **32004 R 0788**: Ir-Regolament (KE) Nru 788/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-21 ta' April 2004 (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 17).

<sup>(1)</sup> ĠU L 14, 19.1.2006, p. 24.

<sup>(2)</sup> ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1.

3. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, jieħdu sehem fil-programm li ġej:

— **32006 R 1692**: Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi t-tieni programm 'Marco Polo' għall-ġhoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tal-ġarr tal-merkanzija (Marco Polo II) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1), kif korrett mill-ĠU L 65, 3.3.2007, p. 12.”

(iii) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 4 l-ġdid:

“5. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Kumitati tal-KE li jassistu lill-Kummissjoni tal-KE fit-tmexxija, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Komunità msemmija fil-paragrafi 2 u 3.”

2. It-test tal-paragrafu 7(c) fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 31 għandu jitħassar.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (\*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

Alan SEATTER

*Il-President*

---

(\*) M'hum indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali